# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

Talba Numru: 311/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 44

**GO plc (22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Vasile Bulgaru (ID 004371A)**
**146, Triq il-Kullegg,**
**Rabat**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€865.24c) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 25' li gie pprestat mis-Socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40504589.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' ta' tmien mija u hamsa u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€865.24c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-04 ta' Awwissu, 2016 d-data tal-prezentata ta' dan l-avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**